Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Lulju 2017
(OR. en, fr)

10939/1/17
REV 1

FIN 447
INST 299
PE-L 32

NOTA

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 – *Pożizzjoni tal-Kunsill*

I. INTRODUZZJONI

L-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2018 (**AB 2018**) kif propost mill-Kummissjoni Ewropea jammonta[1] għal:

– EUR 160 642 105 435 f'approprjazzjonijiet **ta' impenn**;

– EUR 145 425 106 549 f'approprjazzjonijiet **ta' pagament**.

Meta mqabbla mal-baġit għall-2017[2], dawn l-ammonti jirrappreżentaw żieda ta' +1.72 % f'approprjazzjonijiet ta' impenn u żieda ta' +8.13 % f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

[1] Dawn l-ammonti jinkludu l-approprjazzjonijiet previsti għal strumenti speċifiċi barra l-qafas finanzjarju pluriennali.

[2] Baġits emendatorji Nru 1 u 2/2017 inklużi.

II. L-APPROĊĊ SEGWIT

Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-AB 2018 matul ix-xhur ta' Ġunju u Lulju 2017 abbażi tal-prinċipji li ġejjin:

– li l-ħidma ssir fil-qafas tal-linji gwida baġitarji stabbiliti għall-baġit għall-2018 fil-konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fil-21 ta' Frar 2017[1];

– li jiġi segwit approċċ li jwassal għal baġit konformi mad-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll li jittieħed kont debitu tar-restrizzjonijiet ekonomiċi u baġitarji attwali fl-Istati Membri;

– li jiġi pprovdut finanzjament adegwat għad-diversi prijoritajiet tal-Unjoni, waqt li jiġu ddeterminati l-approprjazzjonijiet abbażi tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-imgħoddi u dik attwali u kapaċitajiet realistiċi ta' assorbiment;

– li jiġu previsti l-approprjazzjonijiet neċessarji li jippermettu l-implimentazzjoni mingħajr xkiel tal-programmi differenti fil-ħames sena tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020;

– li jiġu pprovduti l-approprjazzjonijiet meħtieġa biex jiġu appoġġati l-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, b'mod partikolari ż-żieda fl-impjiegi u t-tkabbir u li jiġu indirizzati l-isfidi fl-oqsma tas-sigurtà u l-migrazzjoni;

– li jitħallew marġini adegwati f'approprjazzjonijiet ta' impenn taħt il-limiti massimi tal-intestaturi u s-subintestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali, ħlief għal (sub)intestaturi 1b u 3, sabiex ikunu jistgħu jiġu affrontati sitwazzjonijiet imprevisti;

– li l-approprjazzjonijiet ta' pagament jinżammu taħt kontroll, bir-riżultat li jkun hemm tnaqqis fl-approprjazzjonijiet ta' pagament b'mod partikolari taħt l-intestaturi 1 u 2. Abbozz ta' dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-approprjazzjonijiet ta' pagament jinsab fl-ANNESS I.

[1] Dok. 6522/17.

Fir-rigward tal-*infiq amministrattiv*, il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-baġits tal-istituzzjonijiet abbażi ta' dan li ġej:

– li jinżamm taħt kontroll strett il-volum tal-infiq amministrattiv tal-istituzzjonijiet, f'konformità mal-approċċ segwit mill-Istati Membri għas-servizz ċivili nazzjonali tagħhom;

– li jiġi stabbilit il-baġit amministrattiv ta' kull istituzzjoni fil-livell adatt, b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet reali u ġustifikati tagħhom;

– li jitwettaq it-tnaqqis immirat u jiżdied it-tnaqqis b'rata fissa standard fuq is-salarji għal kważi l-istituzzjonijiet u l-uffiċċji kollha, b'kont meħud tal-implimentazzjoni tal-baġit tagħhom fl-imgħoddi u attwalment u tar-rati ta' postijiet ta' xogħol battala tagħhom;

Dan l-approċċ jirriżulta f'livell adatt ta' nefqa amministrattiva li jiżgura l-funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet.

L-abbozz ta' dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnaqqis ta' 5% tal-persunal jinsab fl-ANNESS II.

Il-Kumitat tal-Baġit iffoka wkoll fuq l-infiq ta' appoġġ amministrattiv marbut ma' programmi operazzjonali u fuq l-approprjazzjonijiet għal *aġenziji eżekuttivi*. F'dan ir-rigward, hu ssuġġerit li jitwettaq tnaqqis immirat abbażi tal-istess prinċipji bħal dawk segwiti għal-infiq amministrattiv tal-istituzzjonijiet.

Fir-rigward *tal-aġenziji deċentralizzati*, huwa ssuġġerit li jitnaqqas il-livell ġenerali ta' kontribuzzjonijiet mill-baġit tal-Unjoni b'-EUR 5 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament. L-aġenziji li ma implimentawx kompletament il-kontribuzzjonijiet li rċevew mill-baġit tal-Unjoni fil-passat u/jew li għalihom il-kapaċitajiet ta' assorbiment jistgħu jkunu iktar baxxi mill-previżjonijiet li saru mill-Kummissjoni jistgħu jiġu affettwati minn dan it-tnaqqis.

III. EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI[1]

Abbażi tal-approċċ imsemmi hawn fuq, il-Kumitat tal-Baġit laħaq qbil dwar **il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-AB 2018** li jkun jammonta[2] għal:

– EUR 158 917 298 644 f'appropriazzjonijiet **ta' impenn**;

– EUR 144 429 559 426 f'appropriazzjonijiet **ta' pagament**.

Meta mqabbla mal-baġit għall-2017[3], dawn l-ammonti jkunu jirrappreżentaw żieda ta' +0.63 % f'appropriazzjonijiet ta' impenn u żieda ta' +7.39 % f'appropriazzjonijiet ta' pagament.

---

1 Tabella b'sommarju tal-eżitu tal-proċedimenti tinsab fl-ANNESS IV.

2 Dawn l-ammonti jinkludu l-appropriazzjonijiet previsti għal strumenti speċifiċi barra l-qafas finanzjarju pluriennali.

3 Baġits emendatorji Nru 1 u 2/2017 inklużi.

F'dan ir-rigward, il-Kumitat tal-Baġit jissuġġerixxi li jsiru l-emendi li ġejjin għall-AB 2018[1]:

1. <u>Tkabbir intelliġenti u inklużiv</u> (intestatura 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali)

a) <u>Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi</u>(subintestatura 1a tal-qafas finanzjarju pluriennali)

– jiġi stabbilit il-livell ta' <u>approprjazzjonijiet ta' impenn</u>, bil-mira ta' tnaqqis totali ta' -EUR 750.00 miljun fl-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2018 dwar għadd ta' linji baġitarji speċifiċi inkluż l-infiq għall-appoġġ amministrattiv u l-assistenza teknika, jiġifieri b'rabta ma' *Proġetti Kbar ta' Infrastruttura* (-EUR 98.64 miljun, li minnhom -EUR 45.91 miljun fis-*sistemi Ewropej bis-satellita u ta' navigazzjoni (EGNOS u Galileo)*, -EUR 32.71 miljun fir-*Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER)* u -EUR 20.03 miljun fil-*Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja (Copernicus)*), il-*Qafas Strateġiku Komuni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni* (-EUR 504.43 miljun, li minnhom -EUR 12.96 miljun fil-*Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom* u -EUR 491.47 miljun f'*Orizzont 2020*), *Impjiegi u Innovazzjoni Soċjali* (-EUR 9.82 miljun), *Dwana 2020 u Fiscalis 2020* (-EUR 4.25 miljun), il-*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa* (-EUR 111.56 miljun, li minnhom -EUR 58.57 miljun fl-*Enerġija*, -EUR 19.99 miljun fit-*Trasport* u -EUR 33.00 miljun fit-*Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT)*), *azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni* (-EUR 13.31 miljun) u *azzjonijiet u programmi oħra* (-EUR 7.49 miljun);

– dan jinkludi l-użu <u>tal-Marġini globali għall-impenji</u> għal ammont ta' EUR 658.35 miljun taħt din is-subintestatura;

[1] Ir-riżultati dettaljati tal-eżami jinsabu fl-Addenda 1 sa 5 għal dan id-dokument relatati mal-oqsma politiċi diversi.

– l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, billi jitnaqqsu l-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2018 b'ammont totali ta' -EUR 190.00 miljun, li minnhom -EUR 30.88 miljun fi *Proġetti Kbar ta' Infrastruttura* (li minnhom -EUR 8.80 miljun fis-*sistemi Ewropej bis-satellita u ta' navigazzjoni (EGNOS u Galileo)*, -EUR 14.02 miljun fir-*Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER)* u -EUR 8.06 miljun fil-*Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja (Copernicus)*), -EUR 120.37 miljun fil-*Qafas Strateġiku Komuni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni* (li minnhom -EUR 3.46 miljun fil-*Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom* u -EUR 116.91 miljun f'*Orizzont 2020*), -EUR 0.1 miljun fl-*Impjiegi u Innovazzjoni Soċjali*, -EUR 2.07 miljun fi *Dwana 2020 u Fiscalis 2020*, -EUR 23.05 miljun fil-*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa* (li minnhom -EUR 8.12 miljun fl-*Enerġija*, -EUR 9.91 miljun fit-*Trasport* u -EUR 5.02 miljun fit-*Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT)*), -8.00 miljun fl-*azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni* u -EUR 5.02 miljun f'*azzjonijiet u programmi oħra*;

– l-ammonti msemmija hawn fuq jieħdu kont ukoll tat-tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet lil aġenziji deċentralizzati għal ammont totali ta' -EUR 0.52 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament taħt din is-subintestatura;

– il-marġini disponibbli taħt is-subintestatura 1a jkun ta' EUR 806.05 miljun.

b) Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali (subintestatura 1b tal-qafas finanzjarju pluriennali)

– iż-żamma tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn kif mitluba fl-AB 2018;

– li jiġi stabbilit il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, bit-tnaqqis tal-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2018 b'ammont totali ta' -EUR 240.00 miljun, b'mod partikolari għall-programmi 2014-2020, partikolarment: *Reġjuni ta' transitu* (-EUR 55.00 miljun), *Kompetittività (Reġjuni aktar żviluppati)* (-EUR 85.00 miljun), *Reġjuni ultraperiferiċi sottopopolati* (-EUR 5 miljun), *Kooperazzjoni territorjali Ewropea* (-EUR 90.50 miljun) u *Assistenza teknika u azzjonijiet innovattivi* (-EUR 4.50 miljun);

– il-marġini disponibbli taħt is-subintestatura 1b ikun ta' EUR 6.45 miljun.

2. Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali (intestatura 2 tal-qafas finanzjarju pluriennali)[1]

– jiġi stabbilit il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn mitlub fl-AB 2018 b'-EUR 275.01 miljun fuq linji għall-appoġġ amministrattiv, fuq linji operazzjonali għall-assistenza teknika u fuq linji operazzjonali taħt il-*Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija* (-EUR 269.36 miljun), il-*Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali* (-EUR 0.76 miljun), il-*Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd* , *Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u kontribuzzjonijiet obbligatorji għall-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd u għal organizzazzjonijiet internazzjonali oħra* (-EUR 4.32 miljun) u l-*programm LIFE* (-EUR 0.15 miljun);

[1] Eżami ulterjuri tal-proposta ser isir fil-kuntest tal-ittra annwali emendatorja li taġġorna l-ħtiġijiet stmati u l-approprjazzjonijiet għal-infiq agrikolu kif tinsab fl-abbozz ta' dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-approprjazzjonijiet ta' pagament fl-ANNESS II.

– l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, bit-tnaqqis tal-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2018 b'ammont totali ta' -EUR 271.01 miljun, li minnhom -EUR 265.36 miljun fil-*Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija*, -EUR 0.76 miljun fil-*Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali*, -EUR 4.32 miljun fil-*Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*, *Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u kontribuzzjonijiet obbligatorji għall-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd u għal organizzazzjonijiet internazzjonali oħra* u -EUR 0.15 miljun fil-*programm LIFE*;

– l-ammonti msemmija hawn fuq jieħdu kont ukoll tat-tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet lil aġenziji deċentralizzati għal ammont ta' -EUR 0.41 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament taħt din l-intestatura;

– il-marġini disponibbli taħt l-intestatura 2 jkun ta' EUR 988.48 miljun.

3. Sigurtà u ċittadinanza (intestatura 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali)

– l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn bi tnaqqis totali ta' -EUR 30.82 miljun tal-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2018 fuq għadd ta' linji baġitarji relatati mal-infiq għall-appoġġ amministrattiv (-EUR 0.80 miljun) u l-infiq operazzjonali għal programmi ġodda (-EUR 25.94 miljun);

– l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, inkluż tnaqqis totali ta' -EUR 19.56 miljun tal-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2018 fuq għadd ta' linji baġitarji relatati mal-infiq għall-appoġġ amministrattiv (-EUR 0.80 miljun) u l-infiq operazzjonali (-EUR 14.68 miljun);

– l-ammonti msemmija hawn fuq jieħdu kont ukoll tat-tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet lil aġenziji deċentralizzati għal ammont totali ta' -EUR 4.08 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament taħt din l-intestatura;

– il-marġini disponibbli taħt l-intestatura 3 jkun ugwali għal żero;

– l-Istrument ta' Flessibbiltà huwa mobilizzat għall-ammont ta' EUR 786.24 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn.

4. Ewropa Globali (intestatura 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali)

– l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, b'mira ta' tnaqqis totali ta' -EUR 90 miljun fl-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2018 rigward għadd ta' linji baġitarji speċifiċi relatati mal-*Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni* (-EUR 36.24 miljun), l-*Istrument Ewropew ta' Viċinat* (-EUR 1.91 miljun), l-*Istrument ta' tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp* (-EUR 19.57 miljun), il-*L-Istrument ta' Sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi* (-EUR 10.17 miljun), l-*Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem* (-EUR 0.22 miljun), l-*Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi* (-EUR 15.10 miljun), l-*Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE* (-EUR 0.05 miljun), *azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni* (-EUR 6.70 miljun) u *azzjonijiet u programmi oħra* (-EUR 0.03 miljun);

– l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, bit-tnaqqis tal-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2018 b'ammont totali ta' -EUR 20 miljun, li minnhom -EUR 7.79 miljun fl-*Istrument għall-Assistenza ta' qabel l-adeżjoni*, -EUR 1.91 miljun fl-*Istrument Ewropew ta' Viċinat*, -EUR 8.02 miljun fl-*Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp*, -EUR 0.27 miljun fl-*Istrument ta' Sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi*, -EUR 0.22 miljun għall-*Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem*, -EUR 1.70 miljun fl-*Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi*, -EUR 0.05 miljun fl-*Inizjattiva tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE* u -EUR 0.03 miljun f'*azzjonijiet u programmi oħra*;

– il-marġini disponibbli taħt l-intestatura 4 jkun ta' EUR 321.95 miljun.

5. Amministrazzjoni (intestatura 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali)

Tabella b'sommarju tal-approprjazzjonijiet issuġġeriti tinsab reġistrata fl-ANNESS V.

a) Taqsima I - Parlament Ewropew

Għall-Parlament Ewropew, huwa ssuġġerit li l-AB 2018 (Taqsima I) tiġi approvata kif inhi.

b) Taqsima II - Kunsill Ewropew u Kunsill

Hu ssuġġerit ammont globali ta' EUR 574 221 000 għall-baġit tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill, li jirrappreżenta żieda ta' +2.25 % meta mqabbel mal-baġit għall-2017.

B'kont meħud tar-rata attwali tal-postijiet ta' xogħol battala, hu ssuġġerit li tinżamm ir-rata fissa standard fuq is-salarji ta' 5 % kif propost fl-AB 2018.

It-tnaqqis immirat huwa ssuġġerit billi jiġi applikat tnaqqis speċifiku għall-approprjazzjonijiet relatati mal-*ispejjeż ġenerali ta' interpretazzjoni* (-EUR 500 000) u r-*riżerva ta' kontinġenza* (-EUR 500 000).

c) Taqsima III – Kummissjoni

Hu ssuġġerit ammont ta' EUR 3 540 885 536 miljun għall-infiq amministrattiv tal-Kummissjoni (inklużi OP, OLAF, EPSO, PMO, OIB u OIL), li jirrappreżentaw żieda ta' +1.21 % imqabbla mal-baġit għall-2017.

B'kont meħud tar-rata attwali tal-postijiet ta' xogħol battala, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis b'rata fissa standard fuq is-salarji għall-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni jiġi stabbilit għal 3.3 % (-EUR 16 614 174). Ir-rata fissa standard għad-delegazzjonijiet tinżamm għal 5.5 % kif propost fl-AB 2018.

Hu ssuġġerit tnaqqis immirat bl-applikazzjoni ta' tnaqqis speċifiku fl-approprjazzjonijiet relatati mal-*persunal estern (CEOS, SNE, persunal tal-Aġenziji, Soċjali)* (-EUR 5 174 000), *Membri (salarji u allowances)* (-EUR 360 000), *spejjeż ta' reklutaġġ* (-EUR 1 000 000), *terminazzjoni tas-servizz* (-EUR 2 143 000), *servizzi lingwistiċi esterni* (-EUR 1 000 000), *sistemazzjoni fil-bini* (-EUR 250 000), *sigurtà* (-EUR 500 000), *missjonijiet u rappreżentanzi* (-EUR 500 000), *laqgħat, kumitati u konferenzi* (-EUR 1 950 000), *studji u investigazzjonijiet* (-EUR 500 000), *tagħmir ġenerali, vetturi, għamara* (-EUR 200 000) u *nfiq ieħor amministrattiv* (-EUR 1 200 000).

Hu ssuġġerit ammont globali ta' EUR 2 091 169 200 miljun għall-pensjonijiet u l-Iskejjel Ewropej, li jirrappreżenta żieda ta' +5.85 % meta mqabbel mal-baġit għall-2017.

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet (OP)

Hu ssuġġerit ammont globali ta' EUR 95 412 770 għall-baġit tal-OP, li jirrappreżenta żieda ta' +15.29 % meta mqabbel mal-baġit għall-2017.

B'kont meħud tar-rata attwali tal-postijiet ta' xogħol battala, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis b'rata fissa standard fuq is-salarji jiġi stabbilit għal 1.2 % (-EUR 546 230).

Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)

Hu ssuġġerit ammont globali ta' EUR 58 640 146 għall-baġit tal-OIB, li jirrappreżenta tnaqqis ta' -2.18 % meta mqabbel mal-baġit għall-2017.

B'kont meħud tar-rata attwali tal-postijiet ta' xogħol battala, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis b'rata fissa standard fuq is-salarji jiġi stabbilit għal 2.6 % (-EUR 328 854).

It-tnaqqis immirat huwa ssuġġerit billi jiġi applikat tnaqqis speċifiku għall-approprjazzjonijiet relatati ma' *nfiq ieħor ta' ġestjoni* (-EUR 35 000) u l-*binjiet u nfiq relatat* (-EUR 200 000).

Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)

Hu ssuġġerit ammont globali ta' EUR 26 123 326 għall-baġit tal-EPSO, li jirrappreżenta tnaqqis ta' -2.04 % meta mqabbel mal-baġit għall-2017.

B'kont meħud tar-rata attwali tal-postijiet ta' xogħol battala, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis b'rata fissa standard fuq is-salarji jiġi stabbilit għal 2.2 % (-EUR 83 674).

Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO)

Hu ssuġġerit ammont globali ta' EUR 38 369 872 għall-baġit tal-PMO, li jirrappreżenta tnaqqis minuri ta' -0.85 % meta mqabbel mal-baġit għall-2017.

B'kont meħud tar-rata attwali tal-postijiet ta' xogħol battala, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis b'rata fissa standard fuq is-salarji jiġi stabbilit għal 2.9 % (-EUR 136 794).

Hu ssuġġerit tnaqqis immirat bl-applikazzjoni ta' tnaqqis speċifiku għall-approprjazzjonijiet marbutin mal-*persunal estern* (-EUR 239 334).

Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fi Brussell (OIB)

Hu ssuġġerit ammont globali ta' EUR 76 743 558 għall-baġit tal-OIB, li jirrappreżenta żieda ta' +12.60 % meta mqabbel mal-baġit għall-2017.

B'kont meħud tar-rata attwali tal-postijiet ta' xogħol battala, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis b'rata fissa standard fuq is-salarji jiġi stabbilit għal 2.0 % (-EUR 396 442).

It-tnaqqis immirat huwa ssuġġerit billi jiġi applikat tnaqqis speċifiku għall-approprjazzjonijiet relatati mal-*persunal estern* (-EUR 966 000) u l-*binjiet u nfiq relatat* (-EUR 350 000).

Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fil-Lussemburgu (OIL)

Hu ssuġġerit ammont globali ta' EUR 24 585 538 għall-baġit tal-OIL, li jirrappreżenta żieda ta' +0.89 % meta mqabbel mal-baġit għall-2017.

B'kont meħud tar-rata attwali tal-postijiet ta' xogħol battala, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis b'rata fissa standard fuq is-salarji jiġi stabbilit għal 1.7 % (-EUR 96 962).

Hu ssuġġerit tnaqqis immirat bl-applikazzjoni ta' tnaqqis speċifiku għall-approprjazzjonijiet marbutin mal-*persunal estern* (-EUR 116 500).

d) <u>Taqsima IV - Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea</u>

Hu ssuġġerit ammont globali ta' EUR 406 902 250[1] għall-baġit tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jirrappreżenta żieda ta' +1.89 % meta mqabbel mal-baġit għall-2017.

B'kont meħud tar-rata attwali tal-postijiet ta' xogħol battala, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis b'rata fissa standard fuq is-salarji jiġi stabbilit għal 3.5 % (-EUR 2 540 000).

Hu ssuġġerit tnaqqis immirat bl-applikazzjoni ta' tnaqqis speċifiku għall-approprjazzjonijiet marbutin ma' *persunal ieħor* (-EUR 306 000), *taħriġ intern u skambji ta' persunal* (-EUR 88 500), *missjonijiet* (-EUR 53 500), *kuntatti soċjali bejn membri tal-persunal u nfiq ieħor għall-assistenza soċjali* (-EUR 42 750), *infiq tal-PMO għall-amministrazzjoni ta' kwistjonijiet dwar il-persunal tal-Qorti* (-EUR 11 500), *sistemazzjoni fil-bini* (-EUR 150 000), *studji u assistenza teknika b'rabta ma' proġetti ta' bini* (-EUR 100 000), *tindif u manutenzjoni* (-EUR 300 000), *xiri, żamma u manutenzjoni ta' tagħmir u software*, (-EUR 50 000), *servizzi esterni għall-operazzjoni, il-ħolqien u l-manutenzjoni ta' software u sistemi* (-EUR 260 000), *spejjeż legali u danni* (-EUR 30 000) u *nfiq għad-dokumentazzjoni, il-librerija u l-arkivjar* (-EUR 330 000).

[1] Dan l-ammont iqis il-kontribuzzjoni tal-istituzzjoni għall-Iskejjel Ewropej akkreditati (Tip 2) ta' EUR 40 000.

e) Taqsima V - Qorti tal-Awdituri

Hu ssuġġerit ammont globali ta' EUR 144 374 000 għall-baġit tal-Qorti tal-Awdituri, li jirrappreżenta żieda ta' +2.22 % meta mqabbel mal-baġit għall-2017.

B'kont meħud tar-rata attwali tal-postijiet ta' xogħol battala, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis b'rata fissa standard fuq is-salarji jiġi stabbilit għal 4.0 % (-EUR 627 000).

Hu ssuġġerit tnaqqis immirat bl-applikazzjoni ta' tnaqqis speċifiku għall-approprjazzjonijiet marbutin ma' *missjonijiet tal-membri* (-EUR 110 000), *taħriġ tal-membri* (-EUR 50 000), *persunal ieħor* (-EUR 166 000), *taħriġ intern u skambji ta' persunal* (-EUR 26 000), *servizzi esterni oħra* (-EUR 10 000), *taħriġ ieħor għall-persunal* (EUR 50 000), *missjonijiet tal-persunal* (-EUR 300 000), *infiq tal-PMO għall-ġestjoni ta' kwistjonijiet dwar il-persunal tal-Qorti tal-Awdituri* (-EUR 130 000), *sistemazzjoni fil-bini* (-EUR 20 000), *servizzi esterni għall-operazzjoni, l-implimentazzjoni u l-manutenzjoni ta' software u sistemi* (-EUR 90 000), *għamara* (-EUR 176 000), *tagħmir u installazzjonijiet tekniċi* (-EUR 80 000), *spejjeż legali u danni* (-EUR 100 000), *infiq amministrattiv ieħor* (-EUR 30 000), *laqgħat, kungressi u konferenzi* (-EUR 30 000) u *pubblikazzjonijiet ta' natura ġenerali* (-EUR 100 000).

f) Taqsima VI - Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Hu ssuġġerit ammont globali ta' EUR 135 048 961 għall-baġit tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, li jirrappreżenta żieda ta' +0.93 % meta mqabbel mal-baġit għall-2017.

B'kont meħud tar-rata attwali tal-postijiet ta' xogħol battala, hu ssuġġerit li tinżamm ir-rata fissa standard fuq is-salarji ta' 4.5 % kif propost fl-AB 2018.

Hu ssuġġerit tnaqqis immirat bl-applikazzjoni ta' tnaqqis speċifiku għall-approprjazzjonijiet marbutin ma' *taħriġ ulterjuri* (-EUR 23 800), *xiri, żamma u manutenzjoni ta' tagħmir u software, u xogħol relatat* (-EUR 32 304), *għamara* (-EUR 32 304), *infiq varju għal laqgħat interni* (-EUR 20 000), *infiq għall-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni f'seduti u avvenimenti oħra* (-EUR 160 627), *spejjeż għar-rappreżentanza* (-EUR 20 000), *interpretazzjoni* (-EUR 341 686), *komunikazzjoni* (-EUR 159 636), *studji, riċerka u seduti* (-EUR 45 000) u *nfiq għad-dokumentazzjoni u l-librerija* (-EUR 29 048).

g) <u>Taqsima VII - Kumitat tar-Reġjuni</u>

Hu ssuġġerit ammont globali ta' EUR 94 470 541 għall-baġit tal-Kumitat tar-Reġjuni, li jirrappreżenta żieda ta' +1.26 % meta mqabbel mal-baġit għall-2017.

B'kont meħud tar-rata attwali tal-postijiet ta' xogħol battala, hu ssuġġerit li tinżamm ir-rata fissa standard fuq is-salarji ta' 6.0 % kif propost fl-AB 2018.

Hu ssuġġerit tnaqqis immirat bl-applikazzjoni ta' tnaqqis speċifiku għall-approprjazzjonijiet marbutin ma' *remunerazzjoni u allowances* (-EUR 1 406 870), *persunal ieħor* (-EUR 128 919), *servizzi ta' interpretazzjoni* (-EUR 97 303), *tindif u manutenzjoni* (-EUR 150 000) u *għarfien speċjalizzat u studji esterni* (-EUR 56 300).

h) <u>Taqsima VIII - Ombudsman Ewropew</u>

Għall-Ombudsman Ewropew, huwa ssuġġeriet li l-AB 2018 ikun approvat kif jinsab (EUR 10 869 161[1]), li jirrappreżenta tnaqqis minuri ta' -0.33 % meta mqabbel mal-baġit għall-2017.

[1] Dan l-ammont iqis il-kontribuzzjoni tal-istituzzjoni għall-Iskejjel Ewropej akkreditati (Tip 2) ta' EUR 210 000.

i) Taqsima IX - Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Hu ssuġġerit ammont globali ta' EUR 13 428 697 għall-baġit tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, li jirrappreżenta żieda ta' +18.58 % meta mqabbel mal-baġit għall-2017.

B'kont meħud tar-rata attwali tal-postijiet ta' xogħol battala, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis b'rata fissa standard fuq *ir-remunerazzjoni u l-allowances tal-persunal tal-istituzzjoni* (-EUR 54 370), kif ukoll dak fuq *ir-remunerazzjoni u l-allowances tal-Bord* (-EUR 11 986) jiġi stabbilit għal 1.0%.

Hu ssuġġerit tnaqqis immirat bl-applikazzjoni ta' tnaqqis speċifiku għall-approprjazzjonijiet marbutin ma' *spejjeż relatati ma' traineeships u skambji ta' persunal* (-EUR 26 000), *kirjiet, imposti u nfiq ieħor f'bini* (-EUR 200 000), *infiq operattiv ieħor* (-EUR 85 000), *infiq għall-pubblikazzjoni u l-informazzjoni* (-EUR 46 000), *attivitajiet oħra relatati mal-partijiet interessati esterni* (-EUR 100 000), *laqgħat tal-bord* (-EUR 120 000), *l-ispejjeż ta' traduzzjoni u interpretazzjoni tal-Bord* (-EUR 160 000), *tagħmir u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni tal-Bord* (-EUR 100 000), *konsulenza esterna u studji tal-Bord* (-EUR 100 000) u *nfiq b'rabta mal-attivitajiet tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data* (-EUR 40 000).

j) Taqsima X - Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

Hu ssuġġerit ammont globali ta' EUR 665 814 904 għall-baġit tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, li jirrappreżenta żieda ta' +0.88 % meta mqabbel mal-baġit għall-2017.

Hija inkluża korrezzjoni fil-linja 1200 (*persunal b'kuntratt*) li tikkorrispondi ma' żball fl-għadd totali ta' karigi għal aġenti kuntrattwali fil-Grupp ta' Funzjoni IV (-EUR 71 000).

B'kont meħud tar-rata attwali tal-postijiet ta' xogħol battala, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis b'rata fissa standard fuq is-salarji jiġi stabbilit għal 2.3 % għall-kwartieri ġenerali (-EUR 1 375 432), għal 3.8 % għad-delegazzjonijiet (-EUR 705 480) u għal 3.4 % għall-Esperti Militari Nazzjonali Ssekondati (-EUR 292 868).

Hu ssuġġerit tnaqqis immirat bl-applikazzjoni ta' tnaqqis speċifiku għall-approprjazzjonijiet marbutin ma':

- fil-kwartieri ġenerali: *Persunal b'kuntratt* (-EUR 1 205 316), *reklutaġġ*(-EUR 50 000), *jeddijiet mad-dħul fis-servizz, trasferimenti jew ħruġ mis-servizz* (-EUR 160 000), *servizz mediku* (-EUR 150 000), *teknoloġija tal-informazzjoni u komunikazzjoni* (-EUR 1 000 000), *kriptografija u teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni ta' kunfidenzjalità għolja* (-EUR 1 000 000), *sigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni sal-livell EU restricted* (-EUR 500 000), *kontromiżuri tekniċi ta' sigurtà* (-EUR 210 000), *tagħmir u installazzjonijiet tekniċi* (-EUR 50 000), *infiq għad-dokumentazzjoni u l-librerija* (-EUR 150 000), *informazzjoni pubblika u avvenimenti pubbliċi* (-EUR 150 000), *infiq u spejjeż legali, danni u kumpens* (-EUR 50 000), *infiq operattiv ieħor* (-EUR 50 000) u *prevenzjoni tal-kunflitti u servizzi għall-appoġġ tal-medjazzjoni* (-EUR 50 000); u

- fid-delegazzjonijiet: *bini u nfiq relatat* (-EUR 1 770 000).

Wara d-Deċiżjoni (UE) 2017/344 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza fl-2017[1], EUR 570 miljun għandu jkun ikkumpensat bil-marġni tal-intestatura 5.

Il-marġini disponibbli taħt l-intestatura 5 jkun ta' EUR 148.58 miljun.

[1] ĠU L 50, 28.2.2017, p. 57.

6. Strumenti speċjali

Huwa ssuġġeriet li jinżammu l-approprjazzjonijiet imdaħħla fl-AB 2018 għar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza u l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni u li jitnaqqsu l-approprjazzjonijiet għall-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (-EUR 524 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u -EUR 200 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament).

7. Livelli tal-persunal

Fir-rigward tal-livelli tal-persunal, hu ssuġġerit li jiġu aċċettati t-tabelli tal-persunal fl-AB 2018 kif proposti mill-Kummissjoni.

8. Dħul

Fir-rigward tad-dħul, huwa ssuġġerit li l-AB 2018 jiġi aċċettat wara l-aġġustamenti tekniċi li jirriżultaw mill-bidliet magħmula fir-rigward tal-infiq fil-pożizzjoni tal-Kunsill.

9. Kummenti baġitarji

Huwa ssuġġerit li jkunu allinjati l-kummenti dwar il-baġit li jinsabu fl-AB 2018 mal-bidliet li saru fl-infiq fil-pożizzjoni tal-Kunsill u b'mod partikolari l-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni għall-finanzjament tal-korpi differenti tal-UE, kif ukoll it-tnaqqis b'rata fissa standard tal-istituzzjonijiet u l-uffiċċji tal-UE.

10. Nomenklatura

Rigward in-nomenklatura, huwa ssuġġerit li jiġi aċċettat l-AB 2018.

11. Bażijiet legali

Qed tingħata attenzjoni speċjali biex issir konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali fir-rigward tal-bażijiet legali.

12. Dikjarazzjonijiet tal-programm

Qed tingħata attenzjoni partikolari għad-dikjarazzjonijiet tal-programm ippreżentati mill-Kummissjoni.

IV. KONKLUŻJONI

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub:

– jagħti parir lill-Kunsill biex:

  – jikkonferma l-eżitu tal-proċedimenti kif jinsab f'dan id-dokument;

  – jadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill kif tinsab f'dan id-dokument;

  – jagħti mandat lill-Presidenza biex tippreżenta l-pożizzjoni tal-Kunsill flimkien mal-memorandum ta' spjegazzjoni lill-Parlament Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 314(3) TFUE, u biex tapprova l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS III għal dak il-għan;

  – jipproponi li l-Kunsill idaħħal fil-minuti tiegħu d-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-ANNESS II;

  – jippubblika l-pożizzjoni tal-Kunsill fi *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* kif tinsab fl-ANNESS I;

– jaqbel, b'unanimità, dwar l-użu tal-proċedura bil-miktub għal dan l-għan.

ANNESS I

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

LI TADOTTA L-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL DWAR L-ABBOZZ TAL-BAĠIT ĠENERALI TAL-UNJONI EWROPEA GĦAS-SENA FINANZJARJA 2018

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314(3) tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Billi:

1. Fid-29 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018[1],

2. Il-Kunsill eżamina l-proposta tal-Kummissjoni bil-ħsieb li jiddefinixxi pożizzjoni konsistenti, fuq in-naħa tad-dħul, mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea[2], u fuq in-naħa tal-infiq, mar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[3],

---

1 COM(2017) 400 final.
2 ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105.
3 ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

